Bank Ewropew tal-Investiment

*il-bank tal-UE*

EUROPEAN INVESTMENT FUND



# NAĊĊETTAW L-ISFIDA

**Lejn xiex għandna nħarsu fil-Bank tal-UE fl-2017-2019**

**Il-BEI, il-bank tal-UE, huwa l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja skont il-volum, u jipprovdi finanzjament u għarfien espert għal proġetti ta' investiment sodi u sostenibbli li jikkontribwixxu biex jitmexxew 'il quddiem l-objettivi tal-politika tal-Unjoni Ewropea. Il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment jikkonsisti fil-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investiment(FEI).**

**Il-Pjanijiet Operazzjonali għall-BEI u l-FEI għall-2017-2019 jiffissaw il-miri u l-oqsma ta' prijorità għall-Bank u l-Fond fuq medda ta' żmien medju.**

**Il-BEI huwa mistenni li jiffirma bejn EUR 74-76 biljun kull sena. Il-FEI huwa mistenni li jimpenja EUR 9.6-10.4 biljun f'ekwità, titolizzazzjoni u operazzjonijiet ta' finanzjament u garanziji inklużivi kull sena.**

## Miri skont l-oqsma tal-politika pubblika

L-attività tal-Bank hija kkonċentrata fuq erba' miri primarji tal-politika pubblika inkwantu dawn jappoġġaw bl-aħjar mod it-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività.

Iċ-ċifri kollha għall-2016 f'dan il-fuljett mhumiex awditjati u huma proviżorji fil-ħin tal-pubblikazzjoni

# Nibnu infrastruttura effiċjenti

2016: **19.7bn**
2017-2019: **19.1bn fis-sena**

## Enerġija

- **Niżguraw provvista kompetittiva u sigura:** Investiment fi proġetti tal-UE ta' interess komuni bħal investimenti fil-grilja tal-enerġija.
- **Effiċjenza tal-enerġija:** Il-FEIS ippermetta lill-Bank biex jestendi l-appoġġ tiegħu għal Binjiet li Kważi ma Jużaw Ebda Enerġija, billi jippromwovi standards ta' bini ġodda li ser isiru n-norma wara l-2021.
- **Dikarbonizzazzjoni:** Minbarra l-produzzjoni tal-enerġija, huwa meħtieġ ukoll investiment sinifikanti f'netwerks tal-elettriku sabiex jiġu integrati sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' ħżin tal-enerġija, u sabiex il-grilji tad-distribuzzjoni tal-enerġija jsiru aktar moderni u intelliġenti.

## Trasport u mobbiltà

### Trasport li juża l-enerġija b'mod effiċjenti, b'użu baxx tal-karbonju u aktar nadif

Is-settur tat-trasport jirrappreżenta 32 % tal-konsum finali ta' enerġija fl-Ewropa. Huwa responsabbli wkoll għal 20 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra fl-UE u huwa kontributur sinifikanti għat-tniġġis tal-arja - b'mod speċjali f'żoni urbani. L-inizjattivi tagħna jinkludu:

- Appoġġ għall-akkwist ta' bastimenti ġodda u li dawn jiġu attrezzati b'teknoloġija sabiex it-tbaħħir isir aktar ekoloġiku
- Investimenti fil-ġestjoni tat-traffiku bl-ajru
- L-iffaċilitar tal-iskjerament ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv
- Intensifikazzjoni tal-isforzi biex jitnedew flotot ta' trasport pubbliku b'emissjonijiet baxxi u/jew żero fi bliet u żoni urbani.

### Infrastruttura tat-trasport strateġika

Il-BEI jagħti prijorità lil reġjuni inqas żviluppati u huwa ffukat fuq konnessjonijiet neqsin, konġestjonijiet għal traffiku fuq distanza twila, interoperabbiltà tal-qsim tal-fruntieri u punti ta' konnessjoni għall-passiġġieri biex jittrasferixxu bejn tipi ta' trasport differenti. Il-BEI jista' wkoll jipprovdi appoġġ għal inġenji tal-ajru reġjonali u kumpaniji ta' kiri kaptiv kif ukoll lil infrastruttura mhux TEN-T ta' importanza strateġika.



Mogħdijiet għar-roti f'Bologna ffinanzjati minn self tal-BEI lill-belt Taljana

### Mobbiltà għall-bliet tal-Ewropa

F'ħafna bliet żgħar u kbar, id-domanda dejjem aktar għat-trasport ħolqot sitwazzjoni insostenibbli: konġestjoni severa, kwalità tal-arja batuta, tniġġis tal-istorbju u livelli għoljin ta' emissjonijiet ta' karbonju. L-ispiża totali tal-konġestjoni fl-ibliet Ewropej hija stmata li tammonta għal EUR 100bn jew 1 % tal-PDG annwali tal-UE. Il-Bank jiffinanzja investimenti f'sistemi ta' trasport intelliġenti u teknoloġija li jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar l-ivvjaġġar li tkun aħjar u aktar rilevanti għall-utenti tat-trasport, ġestjoni mtejba tat-traffiku u operazzjonijiet aktar effiċjenti.

### Żvilupp u tiġdid urban u reġjonali

It-tislif ser jiffoka fuq ir-riġenerazzjoni urbana, l-infrastruttura ambjentali, l-effiċjenza tar-riżorsi, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għaliha, it-titjib tar-reżiljenza tal-komunitajiet u r-reġjuni biex jirrispondu jew jadattaw għal sfidi mhux previsti bħall-migrazzjoni jew it-terrimoti, u żvilupp aktar intelliġenti li jinvolvi l-innovazzjoni u t-teknoloġija ġdida.

## Saħħa

Għad li l-biċċa l-kbira tal-finanzjament huwa mistenni li jmur għat-titjib tal-infrastruttura tal-isptarijiet, aktarx li ser naraw żieda fid-domanda għal faċilitajiet ta' kura tas-saħħa primarja u taħriġ imtejjeb għall-persunal li jaħdem fis-settur.

## Żvilupp tal-infrastruttura rurali u appoġġ għan-negozju agrikolu

Fl-appoġġ għall-infrastruttura rurali u l-industrija bbażata fuq il-bijomassa (bl-agrikoltura bħala protagonista ċentrali), ser jinkiseb tkabbir sostenibbli aktar fit-tul u aktar ibbilanċat tas-soċjetajiet, peress li jnaqqas il-pressjoni tal-migrazzjoni miż-żoni rurali għal dawk urbani u jtejjeb is-sigurtà tal-ikel.

> **"Li kieku kellna nimmarkaw kull waħda mill-operazzjonijiet tas-settur pubbliku li ffinanzjajna matul dawn l-aħħar 10 sa 15-il sena fuq mappa, ma narawx proġetti individwali mifruxa iżda sistemi sħaħ ta' toroq, binarji tal-ferroviji, linji tat-tramm, pipelines jew servizzi tal-kura tas-saħħa jew edukattivi jikbru quddiem għajnejna. Dawn jikkostitwixxu elementi ta' ħaġa sħiħa u loġika."**
>
> Rafal Rybacki,
>
> Kap għall-Operazzjonijiet ta' Tislif tal-BEI għas-Settur Pubbliku u l-Infrastruttura fil-Polonja u fl-Istati Baltiċi

## Appoġġ għall-SMEs u l-Midcaps

2016: EUR 23.6bn
2017-2019: 22.3bn fis-sena

Trodoos appoġġat minn self iggarantit mill-BEI. Għad fadal differenzi sinifikanti fl-aċċess għall-finanzjament bejn Stati Membri tal-UE u f'dawk il-pajjiżi li ntlaqtu l-aktar mill-kriżi finanzjarja. Ħafna SMEs għadhom ifittxu aċċess imtejjeb għal finanzjament speċifiku, bħal finanzjament flessibbli għal kapital operattiv u finanzjament tat-tip ta' ekwità. Selfiet żgħar, li jittieħdu l-aktar minn ditti aktar żgħar, tipikament ikollhom iħallsu rata tal-imgħax ogħla, li jirrifletti l-ispiża relattivament ogħla tal-għoti tas-self u karatteristiċi ta' riskju differenti.

Il-BEI huwa mistenni li jiffoka fuq prijoritajiet ewlenin li jinkludu l-innovazzjoni, l-impjiegi fost iż-żgħażagħ, l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni u l-azzjoni klimatika, fost affarijiet oħrajn. Il-Bank attwalment jista' jirrispondi speċjalment għall-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' ħafna operaturi attivi fl-agrikoltura u fil-katini tal-valur tal-ikel.

> **“ Ser naraw tranżazzjonijiet ta' finanzjament aktar strutturati fit-titolizzazzjoni jew il-garanziji għall-kondiviżjoni tar-riskji għal portafolji ta' selfiet li bank ikun ħoloq jew li jista' wasal biex joħloq. Dan għandu jkun ta' appoġġ kbir għall-SMEs u l-kumpaniji midcap. ”**
>
> Milena Messori,
> Kap għall-Finanzjament Intermedjat għat-Taqsima tal-Intrapriżi Mikro, Żgħar u ta' Daqs Medju

Fil-kuntest tal-FEIS, b'mod partikolari, il-Bank qiegħed ifittex li jespandi r-relazzjonijiet bankarji għal intermedjarji ġodda u li jiżviluppa pjattaformi ta' finanzjament sabiex jindirizza segmenti ta' negozju ġodda, l-aktar b'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali. Il-Bank qiegħed jaħdem ukoll biex jespandi r-relazzjonijiet tiegħu ma' intermedjarji ġodda li mhumiex banek bħal fondi ta' selfiet u pjattaformi ta' finanzjament kollettiv.

Il-firxa ta' prodotti tal-BEI hija mwessa' aktar biex tinkludi garanziji/prodotti ta' kondiviżjoni tar-riskju, finanzjament ta' tkabbir dirett mogħti lill-Midcaps, ikkumplimentat b'segmenti ta' titolizzazzjoni mezzanin u investimenti f'fondi magħżula SME u Midcap b'kooperazzjoni mal-FEI.

Barra mill-UE, il-BEI huwa mistenni jkompli jappoġġa lill-mikrointrapriżi u li jippromwovi l-iżvilupp lokali finanzjarju tas-settur privat permezz ta' tislif intermedjat (ukoll fil-munita lokali) u, b'mod dejjem akbar, servizzi ta' konsulenza. Il-fondi li jkopru l-ħtiġijiet ta' detenturi żgħar, organizzazzjonijiet ta' produtturi u intrapriżi rurali ċkejknin u żgħar barra mill-UE spiss jindirizzaw ukoll kwistjonijiet bħall-migrazzjoni u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.



Pellikula solari rqiqa ħafna minn Heliatek, finanzjament mill-BEI. Din tiżen 500 g għal kull metru kwadrat, bi ħxuna ta' inqas minn millimetru



Nisa jqaxxru l-frott għal ħelu tradizzjonali Ċiprijott f'negozju żgħir fil-Muntanji

## Ħarsien tal-ambjent

2016: EUR 16.9bn
2017-2019: 18.3bn fis-sena

### Ilma

Ir-riżorsi tal-ilma, l-ilma tax-xorb u l-ġestjoni tal-ilma tad-drenaġġ jibqgħu kritiċi għall-ekonomija tal-Ewropa u għall-ambjent. Mill-provvista tal-ilma għall-protezzjoni kontra l-għargħar, il-BEI jibqa' l-akbar sellief lis-settur.

### Skart

Investiment akbar fir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-enerġija mill-iskart

- jiġġenera benefiċċji ambjentali u klimatiċi
- jikkonserva r-riżorsi naturali u l-enerġija
- inaqqas id-dipendenza fuq materja prima importata, u
- jappoġġa l-ħolqien ta' impjiegi u t-tkabbir ekonomiku.

Il-Bank ser ikompli jappoġġa dawk l-investimenti sabiex jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ċirkolari. Fejn ikun iġġustifikat, il-Bank ser jiffinanzja wkoll faċilitajiet għal trattament ta' skart residwali li huma meħtieġa sabiex jilħqu miri għad-diversifikazzjoni tal-iskart bijoloġiku mil-landfills.

### Infrastruttura rurali

It-tibdil fil-klima qed ikollu impatt sinifikanti fuq l-agrikoltura u s-suq tal-ikel. Hemm impatt partikolari fuq il-fertilità tal-ħamrija, it-tendenzi fit-tkabbir tal-għelejjel u d-disponibbiltà tal-ilma, li min-naħa tagħhom qegħdin jaffettwaw is-sigurtà tal-ikel.

Il-BEI ser ikompli jiffaċilita investimenti fl-agrikoltura u l-forestrija li jkunu mmirati direttament lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew l-adattament għalih u li jappoġġaw il-forniment ta' beni pubbliċi ambjentali bħall-pajsaġġi, il-bijodiversità tal-art agrikola, l-istabbiltà tal-klima u r-reżiljenza akbar għad-diżastri naturali.

Fil-katini ta' valur agrikolu l-BEI ser ikompli jappoġġa proġetti effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija li jikkontribwixxu għall-produzzjoni ta' prodotti li jkunu aktar tajbin għas-saħħa, aktar nutrijenti u/jew li jkollhom impronta ambjentali iżgħar.

## Miri orizzontali ta' koeżjoni u azzjoni klimatika

L-attivitajiet tal-BEI huma allinjati ma' żewġ miri globali tal-politika tal-UE:

- Il-kontribut lejn koeżjoni u konverġenza ekonomika u soċjali fi ħdan l-UE, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u pajjiżi fil-fażi ta' qabel l-adeżjoni (30 % fuq il-finanzjament totali tal-Grupp);
- Azzjoni dwar l-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (26 % fuq il-finanzjament totali tal-Grupp).


Cheik Sadibou Diop, fundatur ta' Senbus li l-BEI għen biex jiffinanzja fis-Senegal.

### Barra l-Ewropa

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet ukoll żieda fil-livelli ta' garanzija tal-Mandat ta' Tislif Estern 2014-2020 sabiex tgħin lill-BEI jimplimenta l-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika għall-Balkani tal-Punent u l-Viċinat tan-Nofsinhar sabiex tindirizza s-sitwazzjoni tal-migrazzjoni. Il-Bank jistenna wkoll li jkollu rwol sinifikanti fil-Pjan ta' Investiment Estern, speċjalment permezz ta' għarfien espert tekniku u kapaċità ta' konsulenza f'pajjiżi fejn il-ħtiġijiet huma l-akbar.

**" Jeħtieġ li l-UE tindirizza b'mod proattiv sfidi esterni li għandhom jew li ser ikollhom impatt fuq il-futur tagħha stess. Id-dinja saret iktar kumplessa, u matul dawn l-aħħar snin sitwazzjonijiet ġodda wasslu għal riskji jew opportunitajiet aktar importanti għall-Ewropa. Dan jeħtieġ li aħna nappoġġaw b'ritmu aktar mgħaġġel ir-reżiljenza u l-iżvilupp ta' pajjiżi msieħba. Il-BEI wera kemm jinsab f'pożizzjoni tajba u kemm huwa flessibbli sabiex iwieġeb għal dawn l-isfidi. "**

Lionel Rapaille,
Kap tal-BEI għall-Operazzjonijiet tas-Settur Pubbliku fil-Pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant tal-UE

### Pjan ta' Investiment għall-Ewropa

Il-Grupp tal-BEI jibqa' fit-trajettorja t-tajba sabiex jimmobilizza EUR 315bn ta' investiment addizzjonali mal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) kif previst mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa. Dan wassal biex il-Bank assuma aktar riskju sabiex inaqqas id-distakki fl-investiment. Wara evalwazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni Ewropea, qiegħda tiġi proposta l-estensjoni tal-FEIS.

**" Bis-saħħa tal-FEIS, il-Bank jista' jappoġġa varjetà akbar ta' klijenti u proġetti. Proġetti ta' investiment kemm ikbar kif ukoll iżgħar jista' jkollhom impatt lokali ferm deċiżiv billi joħolqu l-impjiegi u jipprovdu benefiċċji soċjali, ekonomiċi u ambjentali ċari għaċ-ċittadini. "**

Birthe Bruhn-Léon,
Direttriċi tal-BEI, Dipartiment Iberjan

## Objettivi strateġiċi tal-Fond Ewropew tal-Investiment

**Il-FEI ser jibqa' ffukat bis-saħħa fuq l-għoti ta' finanzjament ta' riskju lil intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) u midcaps żgħar fl-Ewropa. Hekk kif issir l-estensjoni ppjanata tal-FEIS fl-2018, il-FEI ser ikun jista' jżomm tendenza soda fil-volumi. Dan ser jinkiseb permezz ta' mandati differenti li jiffukaw fuq l-innovazzjoni, il-kompetittività, l-intraprenditorija soċjali, is-setturi kulturali u kreattivi, u l-mikrofinanzjament. Il-FEI ser ikompli jesplora l-possibbiltà li jitnedew inizjattivi ġodda fis-settur tal-agrikoltura. Barra minn hekk, il-FEI ser ikun qiegħed jappoġġa kumpaniji fi stadju bikri u fi stadju aktar tard permezz ta' investimenti f'varjetà ta' fondi, mit-trasferiment tat-teknoloġija u investituri informali għal fondi ta' fondi pan-Ewropej.**

Fl-2017, il-FEI jistenna li jniedi minimu ta' ħames programmi ddedikati ta' investiment konġunt ma' istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali li ser jintroduċu ġabra ta' soluzzjonijiet ta' investiment innovattivi għas-suq. Dawn l-inizjattivi għandhom jippermettu lill-FEI li jaħdem b'mod attiv mal-imsieħba billi jiskambjaw l-aħjar prattika tas-suq u jiddiskutu opportunitajiet ta' investiment konġunt.

Il-FEI ser ikompli jikkollabora mal-Kummissjoni Ewropea dwar inizjattivi regolatorji ewlenin tal-UE li jinkludu inizjattivi kontra l-evitar tat-taxxa, ħidma biex tiżdied it-trasparenza fiskali u sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali għan-negozji kollha fl-UE. Barra minn hekk, il-FEI u l-KE ser jevalwaw konġuntament il-possibbiltà li l-attività tal-FEI tiġi estiża għal setturi ġodda (bħall-enerġija u l-ħiliet) u sabiex tiżdied l-attività b'appoġġ ta' prijoritajiet tal-politika tal-UE bħall-impatt soċjali.

Il-FEI għandu jaħdem ukoll biex isib opportunitajiet ġodda sabiex jiġbor aktar fondi bħala appoġġ għall-SMEs u midcaps żgħar. L-immobilizzar ta' kapital privat minn investituri istituzzjonali (eż. fondi ta' ġid sovran, uffiċċji ta' familji, fondi tal-pensjonijiet, fondazzjonijiet u korporattivi) għandu jiżgura appoġġ aktar sostenibbli u fit-tul għas-suq.

**" Il-ħidma tal-FEI ser tibqa' ankrata mal-għan li jaqdi lill-ekonomija Ewropea. L-emanċipazzjoni tal-intraprendituri minn kull qasam tal-ħajja ser tibqa' prijorità ewlenija hekk kif nimxu 'l quddiem. "**

Maria Leander, Segretarju Ġenerali tal-FEI


Eddie Szweda jmexxi birrerija ċkejkna li timpjega ħames persuni fid-Danimarka li żiedet il-produzzjoni tagħha permezz ta' self appoġġat mill-FEI



Angelita Rebollo qed tiżviluppa trattamenti ta' żvilupp għall-kanċer f'Pariġi, li huma ffinanzjati minn fond li investa fih l-FEI


Bank Ewropew tal-Investiment
il-bank tal-UE

EUROPEAN INVESTMENT FUND

**Bank Ewropew tal-Investiment**
98-100, boulevard
Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
+352 4379-1
+352 437704
www.eib.org
info@eib.org

**Fond Ewropew tal-Investiment**
37B, avenue J.F. Kennedy
L-2968 Luxembourg
+352 2485-1
+352 2485-81200
www.eif.org
info@eif.org

twitter.com/EIB
facebook.com/EuropeanInvestmentBank
youtube.com/EIBtheEUbank



© EIB 03/2017 print: QH-02-17-182-MT-C ISBN 978-92-861-3176-9 doi: 10.2867/637751
digital: QH-02-17-182-MT-N ISBN 978-92-861-3188-2 doi: 10.2867/647712



© EIB GraphicTeam - © Angelita Rebollo, © David Blumenfeld, © Heliatek, © Shutterstock, © Midtfyns Bryghus


# Trawwim tal-innovazzjoni u l-kapital uman

2016: **13.5bn**
2017-2019: **15.2bn fis-sena**

## Riċerka u Innovazzjoni

Aktar minn qatt qabel, it-tkabbir u l-prosperità fl-Ewropa jiddependu fuq l-irfinar ulterjuri tal-ħiliet tagħna, l-espansjoni tal-għarfien tagħna u li dawn il-ħiliet u għarfien jissarrfu fi prodotti u servizzi ġodda. Sabiex nibqgħu kompetittivi, huma meħtieġa persuni ta' ħila kbira u investiment akbar fix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, b'mod speċjali f'kumpaniji midcap tas-settur privat.

Tliet teknoloġiji ewlenin huma mistennija li jagħmlu l-impatt li jinħass l-aktar:

- It-teknoloġija diġitali
- Il-bijoteknoloġija
- Ix-xjenza materjali

## L-Innovazzjoni fil-Bijoekonomija

Il-fatturat totali fl-Agrikoltura/Bijoekonomija fl-UE huwa stmat għal EUR 2 triljun u jirrappreżenta madwar 22 miljun impjieg, jew 9 % tal-forza totali tal-UE (fl-2013), li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma f'żoni rurali u kostali. L-investimenti hawnhekk jippromwovu l-produzzjoni sostenibbli b'użu effiċjenti tar-riżorsi u l-użu ta' riżorsi rinnovabbli mill-art, is-sajd u l-akkwakultura. L-Agrikoltura/Bijoekonomija wkoll għandhom il-potenzjal li jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ċirkolari.

## Riċerka u Innovazzjoni fl-Enerġija

Sabiex jintlaħqu miri fit-tul fl-oqsma tal-enerġija u l-klima, ser ikunu meħtieġa teknoloġiji ġodda li bħalissa mhumiex disponibbli kummerċjalment, kif ukoll modi aktar intelliġenti u effiċjenti ħafna ta' użu tal-enerġija.

> **"Waqt li jeħtieġ li l-UE taħdem biex issaħħaħ il-kompetittività ekonomika tagħha u żżid l-investiment fl-innovazzjoni, għandna niċċelebraw ukoll is-suċċessi li kellna u l-kapaċità ta' innovazzjoni li l-Ewropa għad għandha f'ħafna oqsma, fosthom it-teknoloġija medika u tal-ispazju u l-inġinerija mekkanika kimika u ta' teknoloġija avvanzata."**

Elina Kamenitzer,
Kap tal-BEI għat-Tislif Korporattiv għall-Ġermanja u l-Pajjiżi Nordiċi